Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/19

**Anthony u Doreen Micallef (appellati)**

vs

**SMS Mondial Ltd (appellanti)**

16 ta' Diċembru, 2019.

1. **Il-kawża titratta dwar talba għall-ħlas ta' €500 (€250 kull wieħed mill-atturi) kumpens biex jagħmel tajjeb għan-nuqqasijiet li allegatament ġarrbu l-atturi meta marru fuq tour fil-Ġermanja, li xtraw mingħand is-soċjeta` konvenuta.**

2. Fil-21 ta' Jannar 2019 l-atturi Anthony u Doreen Micallef ippreżentaw talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi sabiex is-soċjeta` konvenuta tkun kundannata tħallashom is-somma ta' €500 kumpens biex jagħmel tajjeb għal diversi nuqqasijiet waqt tour fil-"*Black Forest & The Rhine Falls*" li sar bejn it-28 ta' Awwissu u l-4 ta' Settembru 2018. (L-ilmenti prinċipjali tagħhom kienu fis-sens li spiċċaw biex ma żarux il-postijiet/m'għamlux l-attivitajiet kollha indikati fuq il-*brochure* u li kien hemm nuqqas ta' spjegazzjoni fir-rigward ta' dawk il-postijiet li żaru).

3. Fis-7 Ta' Frar 2019 is-soċjeta` SMS Mondial Ltd[1] wieġbet li ma kinitx qegħda taqbel mat-talba tal-atturi għas-segwenti raġunijiet:-

   (i) Preliminarjament minħabba li t-Tribunal mhux kompetenti sabiex jisma' l-każ stante li hemm qbil bejn il-partijiet li l-Qorti Maltija għandha l-

[1] Alfred Cappello mill-"Orange Travel Group"

kompetenza esklussiva;

(ii) Il-kumpannija ddiskutiet fit-tul l-ilmenti tal-atturi mat-*tour leader*, fejn irriżulta li xi tibdiliet "minimi" li saru waqt it-tour kienu kaġun ta' loġistiċi inkluż temp ħażin, u li skont it-*tour leader* saru għas-saħħa u għas-sigurta` tal-istess klijenti li kienu fuq it-tour;

(iii) Bħala sinjal ta' rieda tajba l-kumpannija offriet skont ta' €100 fuq xiri ta' tour li jsir sat-30 ta' Settembru 2019;

(iv) Ġie żgurat li t-*tour leader* dejjem tat xi spjegazzjoni tal-postijiet li jkunu ser iżuru, iżda t-*tour leader* ma kinitx gwida tal-post u għalhekk ma setgħetx tidħol fid-dettall. Dan dejjem skont ma kien hemm imniżżel fil-*brochure.*

4. Fil-11 ta' Lulju 2019 it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi laqa' t-talba tal-atturi *in parte* u ordna lis-soċjeta` konvenuta SMS Mondial Ltd tħallas l-ammont ta' **€150** għal kull persuna li intavolat il-kawża; bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta` konvenuta.

5. Is-soċjeta` konvenuta ma qablitx mad-deċiżjoni u fit-30 ta' Lulju 2019 ippreżentat appell quddiem din il-qorti u talbitha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal u tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellati.

6. L-aggravji tas-soċjeta` konvenuta appellant s-segwenti:

(i) **L-ewwel aggravju :** *It-Tribunal għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi meta ċaħad l-ewwel eċċezzjoni tal-inkompetenza*

Is-soċjeta` konvenuta ssostni li kien żbaljat it-Tribunal meta qal li ma nġabitx prova fir-rigward ta' din l-eċċezzjoni preliminari. Taċċenna għall-fatt li hija kienet ippreżentat kopja tal-*booking form* u tat-termini u l-kundizzjonijiet relattivi. Tenfasizza li l-firmatarju li jkun qed jibbukkja l-vjaġġ ikun qed jaqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet, fosthom li f'każ ta' tilwima huma l-qrati ordinarji Maltin li jkollhom il-ġurisdizzjoni u kompetenza esklussiva.

(ii) **It-tieni aggravju :** *It-Tribunal għamel enunċjazzjoni żbaljata tad-dritt*

*u applika inkorrettament il-liġi meta ċaħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha, u ffissa kumpens arbitrio boni viri*

<u>Fil-mertu</u> ssostni li t-Tribunal m'għamilx apprezzament tajjeb tal-provi u li in oltre applika ħażin il-prinċipji ta' dritt applikabbli għall-każ. Tilmenta li l-kumpens li ordnalha tħallas mhux ġustifikat fil-fatt jew fid-dritt; u li fir-rigward tal-kumment tat-Tribunal dwar it-*tour leader* fejn qal li "*għamlet xi effort"* tilmenta li din hija dikjarazzjoni fallaċi għall-aħħar u kontradett mill-fatti tant li l-istess *tour leader* esebiet kopja tal-informazzjoni li kienet qed tagħti fuq il-kowċ.

7. <u>Fl-20 ta' Awwissu 2019</u> l-atturi appellati wieġbu u qalu għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

- ***<u>In-nullita` tal-appell</u>***

8. L-atturi fl-ewwel lok issollevaw in-nullita tar-rikors tal-appell in kwantu ġie ppreżentat "*Fil-Qorti Ċivili (Sede Inferjuri)".* Is-soċjeta` konvenuta appellanti fit-28 ta' Awwissu 2019 ippreżentat rikors fejn spjegat li l-intestatura żbaljata tal-qorti kienet minħabba *lapsus calami* u għalhekk talbet li ssir korrezzjoni ai termini tal-Artikolu 175 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fis-sens li l-intestatura tal-qorti tiġi taqra "Fil-"*Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)".* Din it-talba għall-korrezzjoni intlaqgħet minn din il-qorti fid-9 ta' Settembru 2019 u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni ġiet eżawrita bl-imsemmi digriet.

- ***<u>L-appellabilita` tad-deċiżjoni tat-Tribunal.</u>***

9. L-atturi appellati fit-tieni lok ifakkru li l-Artikolu 22 tal-Kap 378 fis-sub-inċiżi (2) u (3) jagħmilha ċara illi appell minn deċiżjoni tat-Tribunal jista' jsir fis-segwenti każijiet biss:

*"(2) (a) fuq kull ħaġa li jkollha x' taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*

*(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*

*(c) meta t-Tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*

*(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont fil-kwistjoni, kalkolat skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 20(1), jaqbeż l-elf u mitejn euro."*

10. Jaċċennaw għall-fatt li fil-każ odjern l-ammont in kwistjoni ma jeċċedix l-€1,200, u la hemm kwistjonijiet dwar preskrizzjoni u lanqas dwar prinċipji ta' ġustizzja naturali, u għalhekk jifdal biss il-kwistjoni dwar il-kompetenza.

11. Dan huwa korrett. Ladarba il-konvenuta kienet kundannata tħallas tlett mitt ewro (€300), mhemmx jedd ta' appell fuq punt ta' fatt. Peress li t-tieni aggravju hu biss kritika għall-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal, din il-qorti m'għandhiex l-awtorita' li tistħarreġ il-meritu tal-kawża u tasal għall-konklużjoni tagħha dwar jekk l-ilment tal-atturi kienx ġustifikat jew le. Inoltre, ir-raġunament tal-konvenuta hu bażat biss fuq dak li qalet u ppreżentat ix-xhud Lilian Spiteri, li akkumpanjat lill-vjaġġaturi fuq it-tour. Pero' hemm iktar xhieda li taw stampa ferm differenti u taw dettalji dwar in-nuqqasijiet li kien hemm matul it-tour. Dan apparti l-brochure stess isemmi li l-vjaġġi fl-Awstrija, l-Italja, l-Ġermanja u l-Ewropa tal-Lvant huma *"guided tour programmes"*. Il-konvenuta ssostni li Spiteri mhijex gwida iżda tour leader. Pero' l-kliem fil-bidu tal-brochure jagħtu lill-jaġġatur x'jifehm li fil-vjaġġ ser ikun hemm gwida. Dan apparti li l-fatt waħdu li l-konvenuta offriet *voucher* ta' €100 li kellhom jintużaw għand il-konvenuta, hu fih innifsu indikazzjoni li l-ilment tal-atturi ma kienx fieragħ.

- ***Il-kompetenza o meno tat-Tribunal***

12. L-ewwel aggravju jitratta l-ewwel eċċezzjoni preliminari dwar l-inkompetenza tat-Tribunal.

13. Fl-atti ġie eżebit estratt mit-termini u l-kundizzjonijiet relattivi għat-*tour* in kwistjoni. Il-klawżola "Jurisdiction and Choice of Law" tipprovdi:

"*The relationship between OTG* (Orange Travel Group) *and the passenger shall be governed exclusively by Maltese Law and the Courts of Malta shall enjoy exclusive jurisdiction in relation thereto."*

14. Fir-risposta tal-appell tagħhom l-atturi argumentaw li l-klawżola ma tiswa xejn għaliex hi illegali. Jagħmlu riferenza għall-**Artikolu 24 tal-Kap 378** li jipprovdi hekk (enfasi ta' din il-qorti):

"***24(1)*** *Id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima jgħoddu għal talbiet li joħorġu minn xi bejgħ magħmul jew servizz mogħti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, u tkun kundizzjoni ta' kull bejgħ jew servizz mogħti wara d-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu li d-dispożizzjonijiet ta' di it-Taqsima għadhom ikunu jgħoddu għal kull talba li toħroġ minnhom:*

*Iżda konsumatur u kummerċjant ikunu jistgħu jaqblu li din it-Taqsima tkun tgħodd ukoll għall-bejgħ li jkun sar, jew servizz li jkun ġie provdut, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu.*

***(2) Il-partijiet fi transazzjoni li għalihom jirreferi s-subartikolu (1) ma jistgħux jiċħdu jew inaqqsu xi wieħed mill-jeddijiet mogħtija lil konsumatur taħt din it-Taqsima."***

15. Jargumentaw li l-leġislatur ried illi l-aċċess ta' konsumatur għat-Tribunal speċjali huwa dritt inderogabbli u li l-ebda kummerċjant ma jista' jisforza konsumatur illi jabbanduna dak il-jedd. Isostnu li skont l-Artikolu 24(2) kull klawżola ta' dik ix-xorta (bħal ma hija din in kwistjoni) hija illegali u ineffikaċi u għandha tiġi imwarrba daqs li kieku qatt ma kienet tifforma parti mill-ftehim bejn il-partijiet.

16. Komplew li l-konsumatur, bħala l-parti l-iżjed dgħajfa f'negozju ma' kummerċjant, m'għandux jiġi sfurzat biex iċedi l-aċċess tiegħu għal Tribunal anqas informali u aktar aċċessibbli. Jikkummentaw li l-inklużjoni f' kuntratt "*standard form"* bħal ma hu dan odjern, ta' klawsola bħal din xejn ma tpoġġi lis-soċjeta` konvenuta f' dawl tajjeb.

17. Jagħmlu wkoll aċċenn għall-**Artikolu 44 tal-istess Kap 378** li jirrigwarda "*klawsoli mhux ġusti f' kuntratt",* senjatament is-subinċiżi 2(c), 2(m) u 2(cc):

"***44(1)*** *Ma jistgħux jintużaw f'kuntratti li jsiru mal-konsumatur espressjonijiet mhux ġusti jew espressjonijiet jew kombinazzjoni ta' espressjonijiet li jkunu mhux ġusti f' illi jkollhom bħala skop jew effett xi wieħed mill-iskopijiet u effetti msemmija fis-subartikolu (2), u* ***kull espressjoni pprojbita kif hawn aktar qabel imsemmi li***

***tiddaħħal f' xi kuntratt li jsir mal-konsumatur għandha titqies bħallikieku qatt ma tkun ħekk iddaħħlet.***

***(2)*** *L-espressjonijiet imsemmija fis-subartikolu (1)* ***jinkludu***[2] *espressjonijiet li jkollhom l-iskop jew l-effett li –*

*...*

***(c)*** *jeskludu jew jillimitaw id-drittijiet legali ta' konsumatur kontra l-kummerċjant fil-każ ta' nuqqas totali jew parzjali ta' twettiq jew ta' twettiq inadegwat mill-kummerċjant ta' xi waħda mill-obbligazzjonijiet kontrattwali tiegħu;*

*...*

***(m)*** *ikunu irrevokabilment jorbtu lill-konsumatur b'pattijiet li ma kellu ebda opportunita` reali li jifhem sew qabel ma jagħmel il-kuntratt;*

*...*

***(cc)*** *jeskludu jew ifixklu d-dritt li għandu l-konsumatur li jieħu azzjoni legali jew li jeżerċita xi rimedju legali ieħor, b'mod partikolari billi jeħtieġu lill-konsumatur li jieħu xi kwistjoni għal arbitraġġ li ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni tal-liġi, biex b'hekk jirrestrinġu l-evidenza li jkollu f' idejh jew jimponu fuqu l-oneru tal-prova li, skont il-liġi li tkun tapplika, għandu jinkombi fuq il-parti l-oħra fil-kuntratt."*

---

18. Din il-qorti fl-ewwel lok tosserva li s-soċjeta` SMS Mondial Ltd ma tissemmiex fit-termini u l-kundizzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-eċċezzjoni tal-kompetenza, iżda tissemma biss l-Orange Travel Group. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni min hi Orange Travel Group.

19. Fi kwalunkwe każ din il-qorti taqbel mal-atturi li l-klawżola ta' ġurisdizzjoni kontenuta fit-termini u l-kondizzjonijiet (li effettivament huma *standard form contract)* hija waħda li ċċaħħad lill-atturi appellati minn jedd mogħti lilhom taħt il-Kap 378, senjatament l-**Artikolu 20:**

*"**20(1)** Tribunal ikollu ġurisdizzjoni li jisma' u jaqta' talbiet magħmula minn konsumaturi kontra kummerċjanti meta l-valur tat-talba, minbarra l-imgħax u l-ispejjeż, ma jkunx aktar minn tliet elef u ħames mitt euro (€3,500) u meta t-talba jkollha x'taqsam ma', toħroġ minn jew tkun dwar, sew direttament sew indirettament –*

*(a) ix-xiri jew kiri minn konsumatur ta' oġġetti mingħand kummerċjant;*

*(b) l-għoti ta' servizzi minn kummerċjant lil konsumatur.*

*(2) Il-ġurisdizzjoni ta' tribunal ma għandhiex tkun waħda esklussiva, u* ***l-għażla tkun***

[2] L-Artikolu 44(3) jippreċiża li l-elenku ta' espressjonijiet stipulati fl-Artikolu 44(2) mhix lista eżawrijenti.

***<u>f'idejn il-konsumatur dwar jekk għandux iġib azzjoni kontra kummerċjant quddiem tribunal jew quddiem il-qrati ordinarji......".</u>***

20. Disposizzjoni li qegħda fl-istess Taqsima tal-Artikolu 24.

21. Kif wieħed jista' jara, l-**<u>Artikolu 20</u>** jagħmilha ċara li l-għażla dwar jekk konsumatur jagħmilx kawża kontra l-kummerċjant quddiem tribunal jew il-qrati hi esklussivament tiegħu. Għalhekk l-għażla ma tistax tiġi imposta fuq il-konsumatur.

22. Wieħed jista' jargumenta li l-konsumatur għażel liberament minn qabel inqalgħet il-kwistjoni, li jressaq kull azzjoni kontra n-negozjant quddiem il-qrati. Madankollu, subinċiż (2) jagħti lil din il-qorti x'tifhem li l-konsumatur għandu l-jedd li jeżerċita l-għażla fiż-żmien meta tinqala' l-kwistjoni. Hu f'dak il-mument li l-konsumatur jista' b'mod liberu jagħżel x'jaqbillu l-iktar li jagħmel. Inoltre, dan m'huwiex każ fejn ġew negozjati l-kundizzjonijiet ta' kuntratt. Kien każ ta' *take it or leave it*, fejn ċertament il-konsumatur ma kienx liberu li jagħżel għaliex il-kundizzjoni ġiet imposta fuqu.

23. Il-qorti tkompli żżid li m'hemmx prova li l-kundizzjonijiet, fosthom il-*jurisdiction clause*, kien ġew spjegati lill-atturi qabel xtraw it-*tour* mingħand il-konvenuta.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' konvenuta.**

Anthony Ellul.